MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2009

Rikors Numru. 253/2009

**Nazzarene Muscat**

**vs**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti :**

**Rat** ir-rikors presentat fit-13 ta' Marzu 2009 *ai termini* tal-Art. 22C tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta fejn ir-rikorrent ighid hekk –

" Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-12 ta' Frar 2009, il-Qorti tal-Appell Kriminali kkonfermat is-sentenza tal-Qorti Kriminali fejn kienet ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli jew immobbli ohra tar-rikorrent fit-termini tal-paragrafi (a) u (d) tas-subartiklu 3A tal-Artiklu 22 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta wara li din kienet ikkonfermat il-htija

misjuba fuqu mill-Qorti Kriminali ta' *inter alia* pussess ta' droga *cannabis* taht cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Illi l-esponent qieghed prezenzjalment jipprevalixxi ruhu mid-dispost tal-Artiklu 22C tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jottjeni dikjarazzjoni li l-propjeta' kollha tieghu kemm mobbli kif ukoll dik immobbli hekk konfiskata mhix profitt jew dhul mill-ghemil ta' xi reat taht din l-Ordinanza jew akkwistata direttament jew indirettament minn jew permezz ta' xi profitt jew dhul bhal dak.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka l-ordni tal-konfiska tal-propjeta' tieghu moghtija fit-termini tal-paragrafi (a) u (d) tas-subartiklu 3A tal-Artiklu 22 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta."

**Rat** id-digriet taghha tal-1 ta' April 2009 fejn ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghas-<u>7 ta' April 2009</u>.

**Rat** ir-risposta tal-intimat presentata fil-<u>15 ta' April 2009</u> fejn jinghad hekk –

" Illi t-talba tar-rikorrenti hija wahda vaga u ma tispecifikax liema oggetti esebiti qed jintalab ir-rilaxx taghhom.

Illi l-Artikolu 22C(3) tal-Att dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi illi r-rikorrent in sostenn tat-talba tieghu ghandu jehmez mar-rikors promotur id-dokumenti kolha producibbli kif ukoll huwa obbligat jaghti l-ismijiet tax-xhieda kollha li jkun behsiebu jgib u ghandu jindika wkoll il-prova li jkun behisebu jaghmel minn kull xhud. Illi minn dan kollu r-rikorrent ma ghamel xejn.

Illi t-talba tar-rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandha tigi michuda.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent ghandu jgib prova konkreta u sodisfacjenti li l-provenjenza

ta’ l-oggetti li taghhom qed jitlob ir-rilaxx mhix rizultat ta’ profitt jew dhul mill-ghemil tar-reat li tieghu r-rikorrenti nstab hati jew propjeta’ akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta’ xi profitti jew dhul bhal dawk.

Illi in vista tas-suespost, l-esponent m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjes. ”

**Rat** in-nota tar-rikorrent b’zewg dokumenti annessi presentata fl-20 ta’ April 2009 (fol. 10 sa fol. 15).

**Rat** id-digriet taghha tal-20 ta’ April 2009 fejn din il-Qorti ordnat lir-rikorrent sabiex ighid liema mill-propjeta’ indikata fin-nota tieghu tal-20 ta’ April 2009 kien qed jitlob ir-rilaxx taghha kif ukoll sabiex jindika l-ismijiet tax-xhieda kollha tieghu u l-oggett tal-prova.

**Rat** in-nota tar-rikorrent presentata fil-21 ta’ April 2009 u d-dokument anness (fol. 16-17).

**Semghet** il-provi li ressqu l-partijiet. Il-gbir tal-provi ghalaq fl-udjenza tad-9 ta’ Lulju 2009.

**Esaminat** l-atti nkluz id-dokumenti kollha li ressqu l-partijiet.

**Semghet** it-trattazzjoni bil-fomm tad-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tad-9 ta’ Lulju 2009.

**Rat** id-digriet taghha moghti fl-udjenza tad-9 ta’ Lulju 2009 fejn il-kawza thalliet ghal provvediment ghal-lum.

**Ikkunsidrat –**

Din hija azzjoni bis-sahha ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta) fejn skond l-Art. 22C(1) tista’ ssir talba sabiex propjeta’ (kollox inkluz u xejn eskluz) ta’ persuna li tkun instabet hatja ta’ reat kontra l-Ordinanza ma tibqax izjed hekk milquta bil-konfiska maghmula jekk dik il-persuna turi li dik il-propjeta’ ma tkunx gejja minn profitt jew minn dhul tal-ghemil ta’

reat jew ma tkunx miksuba, direttament jew indirettament, permezz ta’ xi profitt jew dhul bhal dak.

Huwa evidenti li jispetta lir-rikorrent li qed jitlob ir-revoka tal-ordni tal-konfiska li jressaq il-provi tieghu fi grad bizzejjed biex titwemmen li l-beni li jrid li jinhelsu mill-konfiska ma kienx miksub minn flejjes jew qligh marbut ma’ profitt jew dhul minn ghemil ta’ reat u ghalhekk irid ikun ir-rikorrenti li jaghmel il-prova tal-provenjenza lecita tal-propjeta’ jew l-akkwist lecitu taghha. Ladarba l-legislatur haseb sabiex il-procediment jinstema’ minn Qorti ta’ kompetenza civili u ladarba l-ligi stess tghid li ghal dan il-procediment japplika l-Kap. 12 tal-Ligjiet ta’ Malta il-grad ta’ prova rikjesta huwa dak tal-bilanc ta’ probabilitajiet vigenti fi procedura civili u mhux dak rigoruz tal-procediment penali (**“<u>Abela vs Kummissarju tal-Pulizija</u>” – PA/JRM – 6 ta’ Ottubru 2005**).

Il-procedura kontemplata bl-Art. 22C hija specjali u taghmel eccezzjoni fis-sens li tapplika meta persuna tkun instabet hatja minn Qorti kompetenti ta’ reat kontra l-Kap. 101. Ghalhekk ladarba tmur kontra x-xejra tad-disposizzjonijiet generali ta’ dik il-ligi fejn *si tratta* tal-konfiska tal-gid ta’ persuna li tikser il-Kap. 101, u sakemm jigu mharsin il-jeddijiet sostantivi tal-partijiet interessati, ghandha tinghata tifsira f’termini stretti u mhux aktar wiesgha minn dak li ried il-legislatur.

Din il-procedura tapplika ghal ordni maghmula skond l-Art. 22(3A)(d) biss. Din id-disposizzjoni tittratta l-konfiska ta’ flejjes u gid, mobbli jew immobbli, tal-persuna li tinstab hatja, kemm jekk dawk il-beni jinsabu f’Malta kemm jekk barra, ukoll jekk sad-data tas-sejbien tal-htija, l-immobbli jkun ghadda f’idejn terzi.

Il-procedura hija miftuha kemm ghall-persuna li tkun misjuba hatja kif ukoll ghat-terza persuna li f’idejha jkun ghadda l-immobbli, u skond l-Art. 22C(2) tal-Kap. 101 trid tinbeda mhux izjed tard minn tliet xhur minn meta s-sentenza li tkun ordnat il-konfiska ssir gudikat. Jekk wara smigh sommarju, il-Qorti tasal ghall-fehma li t-talba tar-rikorrent ghandha tintlaqa’ kollha jew f’xi parti minnha, il-

gid li jkun milqut b'dik id-decizjoni ma jibqax izjed konfiskat u jintradd lura lir-rikorrent bis-sahha tad-decizjoni nnfisha meta din issir gudikat (Art. 22D) u dik id-decizjoni favorevoli titqies bhala trasferiment tat-titolu ta' dak il-gid lura mill-Gvern ghal ghand ir-rikorrent [Art. 22C(8)] kif preskritt.

Ghandu jitqies ukoll li l-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta li bis-sahha tieghu jsir is-sekwestru *jidher* li johloq presunzjoni ("**Abela vs Kummissarju tal-Pulizija**" op. cit.) li l-gid tal-persuna mixlija b'reat kontra dik l-Ordinanza tnissel sewwasew mill-attivita' kriminali tal-persuna li tkun. Dan ighodd aktar jekk il-persuna tkun fil-fatt instabet hatja mill-Qorti kompetenti tar-reat li tkun mixlija bih. F'dan il-kuntest, ghalhekk il-piz tal-prova li dak il-gid inkiseb b'mezzi legittimi jrid ikun x'aktarx aqwa minn semplici dikjarazzjoni vaga li r-rikorrent kellu ghejun jew risorsi ohra ta' ghejxien.

**Ikkunsidrat –**

Fis-sentenza taghha tat-3 ta' April 2008 fil-kawza "Ir-Repubblika ta' Malta vs Nazzarene Muscat", il-Qorti Kriminali *inter alia* ordnat *il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u mmobbli ohra tal-hati.* Is-sentenza kienet konfermata *in toto* mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Frar 2009.

Fir-relazzjoni tieghu presentata lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja (fol. 124 et seq), il-perit legali Av. Anthony Cutajar hejja lista tal-beni tar-rikorrent skond stharrig li ghamel. Din il-Qorti se taghmel riferenza ghall-*assets* mhux ghal-*liabilities* –

I. Depoziti

Kont kurrent Nru.12906058018 tal-Bank of Valletta plc b'ammont ta' Lm 31.24c.

II. Ishma

1) Ishma fis-socjeta’ Air Lobster Limited (C21588). L-entita’ taghhom ma tirrizultax mill-atti.

2) 3999–il sehem fis-socjeta’ Pesca Azzurra Limited (C21347).

III. <u>Immobbli</u>

1) Wiehed minn ghaxra (1/10) indiviz ta’ ghalqa fil-limiti tal-Qrendi fi Triq il-Warda maghrufa bhala Tal-Hanina, kif ukoll tal-Warda tal-kejl ta’ cirka 744 metri kwadri.

2) Wiehed minn ghaxra (1/10) tal-fond 7, Triq is-Salvatur, Qrendi.

3) Wiehed minn ghaxra (1/10) tal-qabar 169 sitwat fic-Cimiterju tal-Qrendi.

4) Porzjon art fabbrikabbli fiz-Zejtun fil-kontrada msejha tad-Dolliegha tal-kejl ta’ cirka mija u disghin metru kwadru akkwistata fit-13 ta’ Lulju 1988. Fuq din l-art, jirrizulta li nbena l-fond “Dolce Vita”, Triq Xandru Pulis, Zejtun.

5) *Garage* li qabel kien zewg *garages* markati mhux b’mod ufficjali 53/54 sitwat go *drive-in* accessibbli minn Mdina Road, Zebbug li fis-6 ta’ Novembru 1997 akkwistat is-socjeta’ Pesca Azzurra Limited (li taghha r-rikorrent mhux biss huwa l-azzjonista ta’ maggoranza izda anke direttur).

IV. <u>Vetturi</u>

1) Maruti Gipsy ABL 407
2) Austin Mini BAD 909
3) Ford Fiesta BBE 692
4) Triumph Herald C3056
5) Austin Mini CAL 645
6) Austin Mini EAN 112
7) Ford Escort FAB 368
8) Yamaha Bop FAR 504
9) Honda 1000 ITU 196

10) Fiat 127 JAO 867
11) Ford Cortina KBB 571
12) Mazda 626 LAU 908
13) Fiat 500 N3907
14) Lambretta 150 Q0579
15) Singer Vogue R4570

V. Polza ta’ Assikurazzjoni

1) *Life insurance policy* mas-socjeta’ *HSBC Life Assurance (Malta) Limited* Nru.100-000561.

**Ikkunsidrat –**

Mill-atti ta’ din il-procedura, jirrizulta li l-propjeta’ li r-rikorrent talab ir-rilaxx mill-ordni ta’ konfiska kienet din –

1) Il-fond “Dolce Vita”, Triq Xandru Pulis, Zejtun
2) L-ghamara siwata fl-istess fond
3) Il-*garage* ta’ Pesca Azzurra Limited go Mdina Road, Zebbug
4) Lm 1140 f’kontanti li kienu elevati mill-pulizija mill-persuna tar- rikorrent.
5) Lm 5318 f’kontanti li kienu elevati mill-pulizija mid-dar tar-rikorrent.

**Ikkunsidrat –**

Fl-isfond ta’ dak li rrelata l-perit legali quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, din il-Qorti tghid li fir-rigward tal-beni segwenti ghandu jibqa’ fis-sehh l-ordni ta’ konfiska *stante* li r-rikorrent ma ghamel l-ebda talba ghar-rilaxx tal-istess –

A. Depoziti

Kont kurrent Nru.12906058018 tal-Bank of Valletta plc b’ammont ta’ Lm 31.24c.

B. Ishma

Ishma fis-socjeta’ Air Lobster Limited (C21588).

C. Vetturi

1) Maruti Gipsy ABL 407
2) Austin Mini BAD 909
3) Ford Fiesta BBE 692
4) Triumph Herald C3056
5) Austin Mini CAL 645
6) Austin Mini EAN 112
7) Ford Escort FAB 368
8) Yamaha Bop FAR 504
9) Honda 1000 ITU 196
10) Fiat 127 JAO 867
11) Ford Cortina KBB 571
12) Mazda 626 LAU 908
13) Fiat 500 N3907
14) Lambretta 150 Q0579
15) Singer Vogue R4570

D. Polza ta' Assikurazzjoni

*Life insurance policy* mas-socjeta' *HSBC Life Assurance (Malta) Limited* Nru.100-000561.

**Ikkunsidrat -**

Huwa palesement ovvju [anke jekk ir-rikorrent ma ghamel ebda riferenza specifika ghaliha] li l-propjeta' segwenti ma tistax tkun kolpita mill-ordni ta' konfiska skond l-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta ghar-raguni li mill-atti jirrizulta li kienet provenjenti minn wirt. Din il-propjeta' kienet is-segwenti –

1) Wiehed minn ghaxra (1/10) indiviz ta' ghalqa fil-limiti tal-Qrendi fi Triq il-Warda maghrufa bhala Tal-Hanina, kif ukoll tal-Warda tal-kejl ta' cirka 744 metri kwadri.
2) Wiehed minn ghaxra (1/10) indiviz tal-fond 7, Triq is-Salvatur, Qrendi.
3) Wiehed minn ghaxra (1/10) indiviz tal-qabar 169 sitwat fic-Cimiterju tal- Qrendi.

**Ikkunsidrat –**

Fir-rigward tal-bqija tal-propjeta', din il-Qorti qed tesponi kronaka ta' fatti u cirkostanzi li tqis bhala rilevanti u determinanti ghall-fini tal-konsiderazzjoni tat-talba tar-rikorrent –

a) Permezz ta' kuntratt tat-13 ta' Lulju 1988 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Tabone (DOK A – fol. 11), ir-rikorrent xtara u akkwista porzjon art fabbrikabbli fiz-Zejtun fil-kontrada msejha tad-Dolliegha tal-kejl ta' cirka mija u disghin metru kwadru ghall-prezz ta' Lm 1,100. Fil-kuntratt jinghad li dak iz-zmien ir-rikorrent kien bla xoghol.

b) Permezz ta' kuntratt tas-6 ta' Novembru 1997 fl-atti tan-Nutar Dottor Sandro Schembri Adami (DOK B – fol. 15), is-socjeta' Pesca Azzurra Limited xtrat u akkwista *garage* wiehed li qabel kien zewg *garages* markati mhux b'mod ufficjali 53/54 sitwat go *drive-in* accessibbli minn Mdina Road, Zebbug, liberi u franki bid-drittijiet u pertinenzi taghhom eskluza l-arja u bil-pussess battal ghall-prezz ta' Lm 15,000.

c) Fil-kawza "Ir-Repubblika ta' Malta vs Nazzerene Muscat" li kienet deciza fit-3 ta' April 2008 mill-Qorti Kriminali, ir-rikorrent kellu erba' kapi ta' akkuza. L-Ewwel u Tieni kapi ta' akkuza kienu dwar droga u kienu jghidu hekk :-

*Fl-Ewwel Kap, b'assocjazzjoni ma' persuni ohrajn f'Malta u barra minn Malta biex jimportaw, ibieghu jew jittraffikaw medicina jew droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi jew li flimkien ma' dawk il-persuni, ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja tali assocjazzjoni* ;

*Fit-Tieni Kap, b'pussess tad-droga (raza tal-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi dik ir-raza) bla ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni mahruga mit-Tabib Ewlieni tal-Gvern jew ta' licenzja jew awtorizzazzjoni mod iehor, bi ksur tal-ligi u taht cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.*

Quddiem il-Qorti Kriminali, ir-rikorrent ammetta l-akkuzi migjuba kontrih.

Fis-sentenza taghha, il-Qorti Kriminali, apparti li *inter alia* nfliggiet fuq ir-rikorrent piena karcerarja, hlas ta' multa, u hlas ta' spejjes peritali, ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli jew immobbli ohra tar-rikorrent.

Mit-test tas-sentenza tal-Qorti Kriminali, irrizulta li qabel il-kaz li wassal biex kontrih johrog l-Att ta' Akkuza, ir-rikorrent kellu fedina penali fejn apparti xi infrazzjonijiet tal-ligijiet tat-traffiku, kien instab hati ta' serq aggravat u kien gie liberat b'kondizzjoni.

Fl-ghoti tal-piena, il-Qorti Kriminali qieset li r-reat tal-assocjazzjoni skond l-Ewwel Kap tal-att ta' Akkuza kellu jigi assorbit fir-reat ta' pussess, hekk imsejjah, *aggravat* taht it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza billi serva bhala mezz biex seta' jigi kommess dan l-ahhar reat kif previst fl-Art. 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-konsiderazzjonijiet taghha, il-Qorti Kriminali qieset li r-rikorrent inqabad *in flagrante* mill-Pulizija u ghalhekk fir-rigward tal-akkuzi dedotti kontrih, ftit li xejn seta' jaghmel hlief li jammetti l-htijiet tieghu.

d) L-appell tar-rikorrent mis-sentenza tal-Qorti Kriminali kien michud mill-Qorti tal-Appell Kriminali b'sentenza moghtija fit-12 ta' Frar 2009.

Fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar it-tielet aggravju ta' l-appell, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk –

*Miz-zewg reati – dak ta' pussess 'aggravat' u dak ta' assocjazzjoni – l-aktar wiehed gravi minnhom – u l-gravita' titkejjel mill-piena – huwa dak ta' assocjazzjoni, u dan propju ghax dan ir-reat ta' assocjazzjoni igorr mieghu il-piena tal-konfiska tal-beni li r-reat l-iehor ma jgorrx.*

e) Ghalhekk kienet konfermata l-ordni ta’ l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ flejjes, mobbli u mmobbli propjeta’ tar-rikorrenti.

**Ikkunsidrat –**

Fl-isfond tal-premess, din il-Qorti issa se tqis jekk ir-rikorrent gabx il-prova sal-grad mistenni mil-ligi li l-propjeta’ li taghha huwa talab ir-rilaxx ma saritx bi profitt jew minn dhul tal-ghemil ta’ reat skond il-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta -

1) Il-fond “Dolce Vita”, Triq Xandru Pulis, Zejtun u l-ghamara ta’ go fiha.

Dan il-fond huwa d-dar taz-zwieg tar-rikorrent u martu. Il-fond inbena fuq porzjon art fabbrikabbli fiz-Zejtun fil-kontrada msejha tad-Dolliegha tal-kejl ta’ cirka mija u disghin metru kwadru li r-rikorrent xtara u akkwista permezz ta’ kuntratt tat-13 ta’ Lulju 1988 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Tabone.

Ghalkemm fil-kuntratt jinghad li r-rikorrent kien bla xoghol, fir-realta’ ma kienx hekk, ghaliex kif jirrizulta minn DOK JD1 (fol. 468 – fol. 469) esebit minn Jennifer Debono, rappresentant tal-ETC, bejn it-23 ta’ Mejju 1988 u s-6 ta’ Settembru 1988, ir-rikorrent kien jahdem bhala “*labourer full-time*” mal-AWTS maghrufa ahjar bhala l-Iskema tal-Awsiljarji.

Il-bini tad-dar sar mir-rikorrent stess bl-ghajnuna ta’ l-qraba tal-mara tieghu fuq firxa ta’ erba’ snin. L-ghamara tad-dar inxtrat wara. Kemm damet tinbena d-dar, ir-rikorrent kien jahdem bhala *handyman* mis-6 ta’ Settembru 1988 sas-7 ta’ Mejju 1993 kif jirrizulta mid-DOK JD1 (fol. 468 – fol. 469) esebit minn Jennifer Debono, rappresentant tal-ETC.

Ghalhekk fid-data tal-akkwist tal-art u matul iz-zmien li kienet qed tinbena u titghammar, ir-rikorrent kien qed jahdem regolarment.

Ghandu jigi rilevat ukoll li qabel l-okkazjoni ta' Gunju/Lulju 2004 fejn ir-rikorrent instab bid-droga, ma jirrizultax pruvat li r-rikorrent kellu xi esperjenzi precedenti ta' konsum, pussess jew traffikar tad-droga.

Din il-Qorti hija sodisfatta li l-fond "Dolce Vita", Triq Xandru Pulis, Zejtun, u l-ghamara ta' go fih, ma kienx miksub minn flejjes jew qligh marbut ma' profitt jew dhul minn ghemil ta' reat skond il-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk ghandhom jigu rilaxxjati a favur tar-rikorrent.

2) Il-*garage* 53/54, Pesca Azzurra, Mdina Road, Zebbug

Dan il-*garage* huwa propjeta' tas-socjeta' Pesca Azzurra Limited li kienet registrata fl-24 ta' April 1997. L-azzjonisti tas-socjeta' huma r-rikorrent (3999 sehem) u martu Anna Muscat (sehem wiehed). L-ufficcju registrat huwa Mdina Road, Zebbug u *cioe'* il-post in kwistjoni. Ir-rilaxx tal-propjeta' jimxi pari passu mar-rilaxx tal-ishma.

Il-*garage* in kwistjoni li qabel kienu zewg *garages* markati mhux b'mod ufficjali 53/54 sitwat go *drive-in* accessibbli minn Mdina Road, Zebbug, kien akkwistat minn Pesca Azzurra Limited liberu u frank bid-drittijiet u pertinenzi tieghu eskluza l-arja u bil-pussess battal ghall-prezz ta' Lm 15,000 permezz ta' kuntratt tas-6 ta' Novembru 1997 fl-atti tan-Nutar Dottor Sandro Schembri Adami. Il-prezz tal-akkwist kien kopert minn self tal-bank lis-socjeta' Pesca Azzurra Limited garantit mir-rikorrent u martu b'ipoteka specjali fuq id-dar "Dolce Vita", Triq Xandru Pulis, Zejtun. Is-self kien jinkludi ammont agguntiv biex jinxtara makkinarju.

Wara s-7 ta' Mejju 1993, ma jirrizultax li r-rikorrent kellu impieg regolari pero' mhux eskluz li kien jahdem "minghajr ktieb tax-xoghol" anzi din il-Qorti tghid li dik kienet il-probabilita' meta wiehed iqis ix-xhieda tar-rikorrent u ta' huh Biagio Muscat fl-assjem taghha. Fi kwalunkwe kaz il-kompitu ta' din il-Qorti mhuwiex li tistabilixxi r-responsabilitajiet tar-rikorrent versu l-awtoritajiet fiskali

izda li tghid jekk il-gid tar-rikorrent kienx jew le akkwistat mid-dhul jew profitt mid-droga.

Bhala fatt jirrizulta li bejn l-24 ta' Jannar 1996 u t-30 ta' April 1996, ir-rikorrent kien registrat bhala fl-impieg ma' huh Biagio Muscat bhala tellar.

Meta l-bank silef lill-kumpannija biex tixtri l-propjeta', il-kumpannija kienet ghadha fil-bidu tal-attivita' kummercjali taghha. *Cio' nonostante* is-self hareg u l-hlasijiet kienu jsiru mir-rikorrent. Din il-Qorti tghid illi qabel accetta li jaghti s-self, il-bank certament ghamel esercizzju dwar il-fattibilita' tan-negozju u wiehed jifhem illi kieku l-bank kellu hjiel li min kien qed jissellef ma kienx se jasal wiehed ma kienx ragonevolment jistenna li jinghata s-self. Fil-kuntratt, ir-rikorrent tnizzel bhala impjegat.

Wara li l-kumpannija bdiet topera, ir-rikorrent kien registrat bhala impjegat bhala *salesman* taghha bejn id-19 ta' Mejju 1997 u t-18 ta' Mejju 1999 (sentejn) u bejn id-19 ta' Mejju 1999 u l-31 ta' Dicembru 2000 (ftit aktar minn sena u seba' xhur).

Mill-provi rrizulta li ghall-bidu l-kumpannija bdiet tahdem tajjeb izda prattikament wara tliet snin bdiet sejra hazin sakemm bdiet izzarma lejn l-ahhar tas-sena 2000. Ghalkemm l-kumpannija mhix stralcjata izda jidher li ghadha attiva, l-ahhar *annual return* li dahlet l-MFSA kienet dik tal-31 ta' Ottubru 2000.

Gara dak li gara lill-kumpannija aktar minn tliet snin wara li giet registrata u wara li akkwistat il-propjeta' in kwistjoni, jista' jkollu rilevanza ghal accertamenti ohra pero' mhux ghal dak li trid tistabilixxi din il-Qorti. F'dan il-kuntest ma hemm xejn fl-assjem tal-provi li juri li l-flus li hareg ir-rikorrenti biex akkwista l-ishma fis-socjeta' Pesca Azzurra Limited li min-naha taghha mbaghad akkwistat il-fond 53/54 Mdina Road, Zebbug, kienu provenjenti minn profitti jew dhul mid-droga. Din il-Qorti ssostni li l-fond kien akkwistat bis-sahha ta' *bank loan.* Huwa eskluz bhala fatt li r-rikorrent kien diga' habbat difru mal-ligi dwar offizi ghal drogi fiz-zmien meta kienu akkwistati l-ishma u l-immobbli.

Ghalhekk kemm l-ishma kif ukoll il-fond *de quo* ma ghandhomx ikunu kolpiti bl-ordni ta' konfiska.

3) Is-somma ta' Lm 5318 (€12,387.61) f'kontanti li kienet elevata mid-dar tar-rikorrent fit-12 ta' Lulju 2004

Bhala "*employment history*", l-ahhar impieg ufficjali tar-rikorrent intemm fil-31 ta' Dicembru 2000. U mill-bidu tal-2001 sal-lum, ma jirrizultax li r-rikorrent hadem b'mod ufficjali. Lanqas bhala "*self-employed*" ma jirrizulta mal-awtoritajiet kompetenti tax-xoghol. Dwar taxxa u sigurta' socjali, m'ghandniex xi nghidu hemm assenza kwazi shiha ta' taghrif.

Kif jirrizulta minn kliem ir-rikorrent u minn kliem huh Biagio Muscat, huwa evidenti li r-rikorrent hadem *in nero* wara l-1 ta' Jannar 2001. Biagio Muscat jikkonferma li wara li r-rikorrent ma baqax bin-negozju tal-hut huwa mar jahdem mieghu fid-Delmus Garage minn fejn Biagio Muscat jiggestixxi n-negozju ta' tellar u *spray* tal-karozzi. Id-dhul kien jinqasam b'mod fluwidu fis-sens li l-ewwel jinqatghu l-ispejjes li kien johroghom kollha Biagio Muscat u li jifdal jinqasam prattikament bin-nofs. Mid-dhul ir-rikorrent ighid li kien ihallas is-self tal-bank. Tul dan iz-zmien Anna Muscat ma kenitx tahdem.

Meta ghazel li jkollu dhul minn impieg jew negozju mhux registrat ghal numru ta' snin, ir-rikorrent ghazel li jixref fil-kamp tal-illegalita' u n-nuqqas ta' regoli jwassal b'xorti hazin ghal orizzonti ohra jew ghal ghejun ohra ta' dhul bhal ma hija t-tixrid tad-droga li twassal ghal qligh tajjeb izda b'riskji kbar. U mill-assjem tal-fatti u cirkostanzi tar-rikorrenti wara l-1 ta' Jannar 2001, dik kienet ix-xejra li hadet il-hajja tieghu.

Dwar il-flus li l-pulizija sabu fid-dar, skond ir-rikorrent (fol 76) *id-dar kelli xi flus ma niftakarx l-ammont ezatt kemm kien ghax dawk kienu flus tal-mara, kienu tawhomlha l-genituri taghha. Ma nafx ezatt l-ammont kemm kien …*

Skond ir-rikorrent, dik kienet l-ewwel darba li hallew daqstant flus id-dar.

Irrizulta li l-pulizija sabu s-somma ta' Lm 5318 fit-12 ta' Lulju 2004 gol-kcina tal-fond "Dolce Vita", Triq Xandru Pulis, Zejtun, imqassma f'ammonti izghar (DOK NC2 – fol 541). Anna Muscat tghid li kienet hi li hbiet il-flus ghax kienu taghha sabiex ma thalliehomx f'post wiehed f'kaz ta' serq. Ironikament pero' l-flus kienu kollha fil-kcina ghalkemm sparpaljati fl-istess kamra.

Anna Muscat tallega li genituri taghha Carmel u Lora Delia permezz ta' kuntratt tad-29 ta' April 2004 fl-atti tan-Nutar Dottor Roland Wadge kienu bieghu l-fond 17 Triq Taltas Zejtun lil terzi ghall-prezz ta' Lm 25,000 u l-flus tal-bejgh qasmuhom bejn it-tliet uliedhom fosthom Anna Muscat. Hija hadet ftit aktar minn hutha fis-sens li hija rceviet Lm 10,000 fi flus kontanti.

Jekk wiehed joqghod fuq il-figuri ta' Anna Muscat, f'anqas minn tliet xhur, mart ir-rikorrent iddisponiet minn kwazi nofs il-flus li qalet li tawha l-genituri taghha. Tghid li ghamlet xi spejjes fosthom Lm 700 ghal *appliance* u *PC system* (fol. 65 – fol. 66) pero' dwar il-bqija li kienet somma notevoli ma tatx dettalji – qalet biss li kienu affarijiet ghad-dar ; jekk tassew kien hekk kien ikollha r-ricevuti jew almenu tkun aktar specifika pero' xejn minn dan.

Anke jekk b'gurament, huwa konvenjenti hafna ghal Anna Muscat li tghid li l-flus li sabu l-pulizija fid-dar kienu taghha ghax kienu parti mill-flus li tawha l-genituri taghha. Anna Muscat pero' ma tat ebda spjegazzjoni li taghmel sens ghala kellha ghalfejn izzomm id-dar somma hekk kbira ta' Lm 10,000 li f'anqas minn tliet xhur kienet nizlet ghal Lm 5318. Imbaghad bla ebda spjegazzjoni li genwinament taghmel sens taqsamha f'ammonti zghar. Il-probabilita' hija ohra u *cioe'* li dawk kienu flus destinati ghall-attivita' llegali li kien qed jaghmel zewgha. U l-fatt li kienu fil-kcina kienet mezz intiz biex jisvija kull attenzjoni minn zewgha ghal fuqha.

Jekk tassew kienu veru li l-genituri taghha tawha Lm 10,000, l-icken haga li kellha taghmel f'din il-kawza kien

propju li tressaq bhala xhieda biex jikkorraborawha lill-genituri taghha jew lil hutha biex ighidu bil-gurament xi flus tqassmu. Pero' minn dan kollu ma ma ghamlet xejn u ma tistax ghalhekk tippretendi li din il-Qorti taghtiha affidament tenut kont tal-mod kif kienet mohbija somma hekk kbira ta' flus bla ebda raguni ta' xejn.

Ghalhekk din il-Qorti tghid li l-ordni ta' konfiska ghandha tibqa' fis-sehh fir-rigward tas-somma ta' Lm 5318 skond DOK NC2 (fol. 541).

4) Is-somma ta' Lm 1140 (€ 2,655.49) f'kontanti li kienet elevata mill-persuna tar-rikorrent meta twaqqaf mill-pulizija fit-12 ta' Lulju 2004

Skond ir-rikorrent (fol. 76) – *Il-flus li kelli fuqi kienu konna ghadna kif indahhlu xi flus minn tax-xoghol, ma kienx hemm hija u dahhalt il-flus jiena, u kelli xi flus tieghi. Kien hemm Lm 950 flus tax-xoghol u l-kumplament kienu flus tieghi li haduhomli l-pulizija.*

Fl-istess sens xehed Biagio Muscat (fol. 95) - *Dak konna ghamilna bicca xoghol u kellu jigi jhallasni. Jien dak il-hin kont qieghed naghmel xi xoghol u affarijiet hekk, kien hemm hu ghax ikun floki, u gabarli l-flus hu.*

Dwar min hallas, l-ahwa Muscat kienu fqar hafna f'dettalji. Issemma l-isem ta' wiehed George ; la kunjom, la mqar mnejn kien, fuq liema vettura sar ix-xoghol, jew in-numru taghha, inkella l-*invoice* tal-parts li ntuzaw fuq il-vettura. Minn dan kollu – ebda taghrif. U anke hawn il-persuna li hallset ma titressaq bhala xhud biex tikkorrabora dak li kien qed jallega r-rikorrent.

Anke dwar din is-somma flus, ir-rikorrent mhux konvincenti. Jekk tassew kien mar wiehed ihallas, kellu zewg ghazliet – jew ihalli l-flus il-*garage* u jsakkar warajh jew jiehu l-flus id-dar iz-Zejtun stess biex ma jigrilhom xejn. Izda dawk il-flus kienu intizi ghax-xiri ta' droga. *Del resto* l-ammissjoni tar-rikorrent fil-Qorti Kriminali ghandha piz f'dan il-kuntest.

Rilevanti wkoll huwa l-fatt li meta r-rikorrent u siehbu waqqfuhom il-pulizija huma sabu *kwantita' ta' flus go hobbu* (b'riferenza ghar-rikorrent – DOK EM1 – fol. 543 – fol. 544). Din il-Qorti tghid li r-rikorrent zamm il-flus go hobbu ghax ried jahbihom u ghal ebda skop iehor.

Rilevanti ghal din il-Qorti sabiex tiskarta bhala inaffidabbli x-xhieda tar-rikorrent u ta' huh Biagio Muscat dwar il-provenjenza tal-flus li kellu fuqu r-rikorrent huwa dak mistqarr mir-rikorrent stess lill-Ispettur Norbert Ciappara fit-13 ta' Lulju 2004 (DOK NC1 – fol. 536 et seq). Ir-rikorrent qal hekk - d*awk kien ghadu kif gabarhom hija ta' xi xoghol u tahomli biex inzommhomlu.* Dan jikkontrasta nettament ma' dak li xehdu l-ahwa Muscat quddiem din il-Qorti hames snin wara l-kaz.

Din il-Qorti taghti aktar piz lix-xhieda tal-Ispettur Norbert Ciappara fejn din ix-xhieda tittratta l-prezzijiet tal-cannabis u l-konsenja taghha in relazzjoni mal-kontanti li kellu fuqu r-rikorrenti li bihom fuq bilanc ta' probabilitajiet kien se jixtri bihom hames blokki ta' cannabis.

Ghalhekk din il-Qorti tghid li l-ordni ta' konfiska ghandha tibqa' fis-sehh fir-rigward tas-somma ta' Lm 1140 elevata mill-pulizija mill-persuna tar-rikorrent fit-12 ta' Lulju 2004.

**Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qeghda tiddeciedi billi –**

**1) Tilqa' t-talba tar-rikorrent limitatament u tiddikjara li l-beni li gejjin tar-rikorrent ma sarux bi profitt jew dhul minn ghemil ta' reat taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta:-**

**a) Wiehed minn ghaxra (1/10) indiviz ta' ghalqa fil-limiti tal-Qrendi fi Triq il-Warda maghrufa bhala Tal-Hanina, kif ukoll Tal-Warda tal-kejl ta' cirka 744 metri kwadri.**
**b) Wiehed minn ghaxra (1/10) indiviz tal-fond 7, Triq is-Salvatur, Qrendi.**
**c) Wiehed minn ghaxra (1/10) indiviz tal-qabar 169 sitwat fic-Cimiterju tal-Qrendi.**

**d) Il-fond "Dolce Vita", Triq Xandru Pulis, Zejtun bl-ghamara ta' go fih.**
**e) Tlett elef disa' mija disgha u disghin (3999) sehem fil-kumpannija Pesca Azzurra Limited (C21347)**
**f) Il-*garage* 53/54, Pesca Azzurra, Mdina Road, Zebbug, propjeta' tal-kumpannija Pesca Azzurra Limited (C21347).**

**2) Tordna ghalhekk it-thassir limitatment fir-rigward tal-beni hawn fuq imsemmija tal-ordni ta' konfiska maghmula mill-Onorabbli Qorti Kriminali fis-sentenza taghha tat-3 ta' April 2008 fil-kawza fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta vs Nazzarene Muscat", kif konfermata b'sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali tat-12 ta' Frar 2009.**

**3) Tordna li l-ispejjes ta' din il-procedura jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------